MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 673/1992/1

**Francis Zammit**

**vs**

**John Sammut u Silvio Sammut bhala diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta' TAL-BLAT COMPANY LIMITED U MARIO SAMMUT, JOHN SAMMUT u SILVIO SAMMUT**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fIl-15 ta' Mejju, 1992, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi bi skrittura datata sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru 1991, is-socjeta' konvenuta Tal-Blat Company Limted ikkostitwit ruha certa, vera u likwida debitrici versu u favur tal-attur Ii aceetta, fis-somma ta' ghaxart elef lira maltin

(LM10,000) li kellhom jithalsu sa mhux aktar tard minn zmien sitt xhur, bl-imghax ta' tmienja fil-mija fis-sena;

Illi fuq l-istess skrittura l-konvenuti Mario Sammut, John Sammut u Silvio Sammut dahlu garanti solidalment bejniethom u ma l-istess socjeta' Tal-Blat Company Limited ghall-hlas tad-dejn fuq imsemmi;

Illi l-attur baqghalu jithallas s-somma ta' tlett elef u dsatax il-lira maltin (LM3,019) bilanc mis-somma fuq imsemmija, oltre l-imghaxijiet;

Illi interpeIlati biex ihallsu il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Talab li l-istess konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. tikkundannhom solidalment bejniethom, ihallsu lill-attur is-somma msemmija ta' tlett elef mija u dsatax-il lira malt in (LM3,019) dovuti minnhom kif fuq inghad;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet b'effett mis-27 ta' Marzu 1992, kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti minn issa biex jidhru ghas~subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, li in forza taghha huma eccepew :

i. Illi mhuwiex kontestat li bi skrittura datata sitta u ghoxrin (26) ta’ Settembru 1991, is-socjeta konvenuta tal-Blat Company Ltd, ikkostitwiet ruhha certa, vera u likwida debitrici versu u favur ta’ l-attur li accetta, fis-somma ta’ ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) li kellhom jithallsu sa mhux aktar tard minn zmien sitt xhur, bl-imghax ta’ tmienja fil-mija fis-sena;

ii. Illi mhux kontestat illi fuq l-istess skrittura hawn fuq imsemmija l-konvenuti Mario Sammut, John Sammut u Silvio Sammut dahlu garanti solidament

bejniethom u ma' l-istess socjetà tal-Blat Company Limited ghall-hlas fuq imsemmi;

iii. Illi s-socjetà tal-Blat Company Ltd effettwat diversi pagamenti u l-attur irceva wkoll ammonti ohra, li kienu dovuti lill-istess socjeta, ghas-saldu tal-kreditu fuq imsemmi;

iv. Illi l-attur baqghalu jithallas biss l-ammont ta' elf mija u erbatax il-lira Maltin (Lm1,114) bilanc mis-somma ta' ghaxart elef lira Maltin fuq imsemmija;

v. Illi s-socjeta tal-Blat Company Ltd ilha zmien twil u f'okkazzjonijiet differenti offriet lill-attur Francis Zammit li tefettwa l-pagament tal-bilanc ta' elf mija u erbatax il-lira Maltin (Lm1,1140) izda l-attur irrifjuta li jaccetta dan l-ammont;

vi. Illi s-socjeta konvenuta m'ghandhiex tbati spejjez ghal din il-kawza peress li saret biss ghax hekk ghazel li jaghmel l-attur, wara li rrifjuta l-pagament;

vii. Illi ghar-raguni wkoll tar-rifjut li jaccetta l-pagament l-istess attur, is-socjeta konvenuta m'ghandhiex thallas l-imghaxijiet fuq il-bilanc ta' elf mija u erbatax il-lira Maltin (Lm1,114).

viii. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Frar, 1993 li permezz tieghu hatret lill-Accountant John Bonnici bhala Perit Tekniku sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz.

Rat id-digriet taghha ta' l-14 ta' Lulju, 2000 li permezz tieghu irrevokat l-inkarigu tal-Perit Komputista fuq talba tieghu stess u issostitwietu b'Dr Joseph M Buttigieg bl-istess fakultajiet.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr Joseph M Buttigieg mahluf minnu waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu, 2007.

Rat illi l-partijiet naqsu milli jipprezentaw Noti lill-Perit Legali minkejja li tahom diversi opportunitajiet sabiex jaghmlu dan qabel ma ghadda ghar-relazzjoni tieghu.

Rat ukoll illi l-partijiet naqsu milli jipprezentaw Noti ta' Osservazzjonijiet, kif tathom il-fakulta illi jaghmlu l-Qorti.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat id-diversi konsiderazzjoni li ghamel il-Perit Legali u senjatament "illi l-attur fiz-zmien kien wiehed minn diversi socji tas-socjeta' konvenuta u f'dan il-perjodu, kien hemm diversi okkazjonijiet fejn l-attur hareg flus *de proprio* biex jigu effettwati hlasijiet fl-interess tal-kumpanija, meta l-istess kumpanija ma kienx ikollha bizzejjed likwidità biex tonera l-pagamenti ghal spejjez li kienu jinqalghu minn zmien ghal zmien. Dan il-fatt gie asserit mill-attur u gie korroborat mix-xhieda ta' Charles Mifsud u x-xhieda ta' John Camilleri Kamsky kif isemmi il-Perit Legali a fol. 172 tal-process.

Illi f'Settembru 1991, l-attur iddecieda li ma jkomplix bhala socju fis-socjeta konvenuta, u ghalhekk il-partijiet ghaddew biex irredigew zewg skritturi – esibiti fil-process u markati *Dok A u Dok B* a fol. 5 u 6 u a fol. 99 tal-process.

Illi permezz ta' l-kawza l-attur qieghed jitlob il-hlas minghand is-socjeta' konvenuta, tal-bilanc ta' tlett telef u dsatax il-lira Maltin (Lm3,019), lilu allegatament dovuta ghal spejjez li ghamel fl-interess tas-socjeta konvenuta.

Ikkunsidrat :

Illi permezz tar-raba' (4) eccezzjoni is-socjeta konvenuta accettat illi l-attur fadallu jiehu s-somma ta' elf mija u erbaghtax il-lira Maltin (Lm1,114) biss.

Illi in sostenn tal-pretensjoni tieghu, l-atturipprezenta tliet skritturi, redatti bejn il-partijiet. Tnejn minnhom huma datati 26 ta' Settembru 1991 u dawn saru meta l-partijiet iddecidew li l-attur jissepara ruhu mill-gestjoni tan-negozju li kienu jmexxu 'l quddiem flimkien bhala 'Tal-Blat Company Limited' *(Dok A u Dok B).*

Illi t-tielet skrittura hija datata 2 t'April 1992 u ghalkemm m'hiex iffirmata mill-partijiet, tindika li sar hlas ta' zewg ammonti li flimkien jammontaw ghas-somma ta' elfejn sitt mija tmienja u hamsin Lira Maltin (Lm2,658) u saru mis-socjeta konvenuta lill-attur. Din l-iskrittura hija mmarkata *Dok FZ 12.*

Illi mid-*Dokument A* jirrizulta illi fis-26 ta' Settembru 1991, l-attur kellu jithallas mis-socjeta konvenuta is-somma ta' ghaxar telef lira Maltin (Lm10,000) rapprezentanti spejjez maghmula minnu fl-interess tal-kumpanija.

Illi mill-ewwel paragrafu tad-*Dokument B* a fol. 99 tal-process jirrizulta hekk:
*"Illi l-flus kollha li hargu f'dawn l-ahhar tliet gimghat minn Francis Zammit, ghandhom jithallsu mill-kumpanija lil Francis Zammit; u l-flus li dahhal fl-istess zmien Francis Zammit ghandhom jigu rifonduti lill-kumpanija."*

Ikkunsidrat :

Illi l-attur iddikjara li akkont ta' dan l-ammont irceva s-somma ta' seba telef u sebghin lira Maltin (Lm7,070) u ipprezenta in sostenn dokument li juri xi hlasijiet irceva hu direttament minghand klijenti tas-socjeta konvenuta, akkont ta' l-ammont lilu dovut skond *Dok A*. Id-dokument relativ huwa *Dok FZ 13* a fol. 114 tal-process.

Illi l-Perit Legali irrileva illi minkejja li dan id-dokument juri total ta' seba telef u sebghin lira Maltin (Lm7,070) meta huwa ikkalkula c-cifri li jinsabu f'dan id-dokument gew ammontaw ghas-somma ta' sebat telef u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm7075) u dan l-ammont jirrizulta wkoll mid-dokument *ATT 4* datat 15 ta' Settembru 1991, esibit waqt is-seduti, u fih jirrizultaw il-firem tal-partijiet u li

ghalhekk dan l-ammont irid jitnaqqas mis-somma ta' ghaxar telef lira Maltin (Lm10,000) li l-attur kellu jiehu skond id-*Dokument A* u jhalli bilanc favur l-attur ta' elfejn disa mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm2,925).

Illi mid-*Dokument B* jirrizulta illi fis-26 ta' Settembru 1991, is-socjeta konvenuta kellha thallas ukoll lill-attur is-somma ta' elf u hames mitt lira Inglizi (£1,500). Din is-somma kellha tithallas fi zmien xahar mid-data ta' l-istess skrittura.

Illi *skond l-iskrittura Dok FZ 12* a fol. 113 li ma hix iffirmata izda li tidher maghmula bejn il-partijiet ghall-kawza **fit-2 t' April 1992** u cioe sitt xhur wara id-*Dok A* il-partijiet iddikjaraw hekk:

*'Qieghed isir ftehim bejn Salvu Sammut u John Sammut ghan-nom ta' tal-Blat Co. Ltd. u Frans Zammit ta' 'Sier Hse' Triq il-Gjacinti, San Gwann. Liema ftehim jghid li: Frans Zammit kellu jiehu bi £1,500 (sterlina) li gew imsarrfa u mhallsa llum fi flus Maltin ghal valur ta' Lm847. Fl-istess waqt l-imsemmija Sammut qed jintrabtu li ghad baqa' kreditu ta' £1811 dovuti lill-imsemmi Frans Zammit liema flus kienu dovuti lilu ghal spejjez li kienu saru meta Frans kien direttur tal-kumpanija 'tal-Blat Co Ltd.'* ***Dan il-pagament ta' l-ahhar huwa parti minn somma ohra ta' flus li ghad tigi stabbilita aktar il-quddiem.'***

Illi Is-socjeta konvenuta f'ebda hin ma kkontestat il-kontenut ta' din l-iskrittura. Mhux biss hekk, izda mid-*Dok* $FZ_{19}$ (fol. 124 u 124 *tergo* tal-process) jirrizulta illi fl-istess jum is-socjeta konvenuta harget cheque, datat ukoll 2 t'April 1992, pagabbli lil Francis Zammit (attur) ghas-somma ta' Lm2,658. Dan ic-cheque jinkludi l-hlas taz-zewg ammonti li jissemmew fl-iskrittura *Dok* $FZ_{12}$ cioe l-ammont ta' Lm1,811 u l-ammont l-iehor ta' Lm847 (cioe l-ekwivalenti f'liri maltin ta' Stg.£1,500) – **b'total ta' Lm2,658**.

Illi jidher illi l-konvenuti qed iqisu l-hlas ta' l-ammont ta' Lm1,811 bhala parti mill-ammont ta' Lm10,000. Infatti, jekk mis-somma ta' Lm2,925 tigi mnaqqsa s-somma ta'

Lm1,811, jibqa' l-ammont ta' Lm1,114 – liema somma l-konvenuti accettaw li ghad fadlilhom ihallsu lill-attur.

Illi izda din il-pretensjoni tal-konvenuti hi kontestata mill-attur, li fis-seduta tad-9 ta' Marzu 1994, (fol. 122) spjega l-pagament maghmul permezz tac-cekk - *Dok $FZ_{19}$* - bil-mod segwenti:

*"Nispjega li minn dawn l-Lm2,658 iridu jonqsu Lm847 ghax dawk kienu sarfuhom huma u tawhomli permezz tac-cekk ghax dawn il-flus kont hrigthom jien u ma kienux dahlu fil-kotba tal-kumpanija. Id-differenza ta' Lm1,811 tidher f'Dok $FZ_{17}$ u mnaqqsa fil-konteggi fl-istess Dok. Nimmagina li Dok $FZ_{17}$ inkiteb mill-iskrivan skond ma kont ghidtlu jien. Dan id-Dok inkiteb qabel ma nfridna u sar il-kuntratt. Meta iffirmajt il-kuntratt kont naf b'dawn l-ispejjez izda ma iffurmawx parti mill-figuri mnizzla fil-kuntratt. Qabel il-kuntratt dawn l-ispejjez kienu jafu bihom hamsa min-nies jigifieri John Sammut, Mario Sammut, Silvio Sammut, l-iskrivan jismu John u Jean Pierre Muscat jigifieri l-Accountant."*

Illi fil-fehema ta' l-esponent, din l-ispjegazzjoni hija **veritjiera u korretta** u hi korroborata mill-kontenut ta' zewg skritturi – cioe *Dok B u Dok $FZ_{12}$*.

Illi jirrizulta illi l-ammont ta' £1,500 (liri sterlini) msemmi fl-iskrittura *'Dok B'* gie kompletament imhallas lill-attur, bhala parti mic-cheque datat 2 t'April 1992 – *Dok $FZ_{19}$.* **Dwar dan ma hemm ebda dubju.**

Illi fl-istess hin, huwa importanti li jigi rilevat dak li hemm fit-tieni parti ta' l-istess skrittura tat-2 t'April 1992, fejn il-partijiet iddikjaraw hekk:

***"Fl-istess waqt l-imsemmejn Sammut qed jintrabtu li ghad baqa kreditu ta' £1811 dovuti lill-imsemmi Frans Zammit liema flus kienu dovuti lilu ghal spejjez li kienu saru meta Frans kien direttur tal-kumpanija ta' Blat Co Ltd. Dan il-pagament ta' l-ahhar huwa parti minn somma ohra ta' flus li ghad tigi stabbilita aktar 'il quddiem."***

Illi mill-imsemmija dikjarazzjoni johorgu logikament zewg konkluzjonijiet:

(i) Illi apparti s-somma ta’ Lm1,811 imhallsa bic-cekk soprandikat, l-attur kellu jiehu ammont iehor li ried jigi stabbilit. Dwar dan ingiebu provi ohra mill-attur, kif ser jinghad aktar ‘isfel;

u

(ii) Illi l-ammont ta’ Lm1,811 – li gie wkoll imhallas bic-cheque precitat *Dok* $FZ_{12}$ – ma kienx parti mill-ammont dikjarat dovut bl-iskrittura *Dok A*. Infatti, minkejja li din l-iskrittura hi datata 2 t’April 1992, l-ammont ta’ Lm1,811 gie deskritt bhala *“parti minn somma ohra ta’ flus, li ghad tigi stabbilita”.*

Illi id-*Dokument A* igib id-data tad-29 ta’ Settembru 2001 – cioe sitt xhur qabel. Kieku s-somma ta’ Lm1,811 kienet parti mill-ammont imsemmi fid-*Dok A* allura zgur li ma kenitx tigi deskritta b’dan il-mod, imma kien jinghad li kienet tifforma parti minn somma gia likwidata u stabbilita permezz ta’ l-iskrittura *Dok A.*

Illi ghalhekk, fil-fehema ta’ l-esponent din is-somma trid tigi kunsidrata separatament mis-somma li kienet dovuta skond id-*Dok A*.

Illi l-attur esibixxa wkoll erba’ dokumenti ohra, cioe *Dok* $FZ_{14}$ *sa* $FZ_{17}$. Minn dawn jirrizultaw ammonti ohra reklamati mill-attur, ghal spejjez u hlasijiet maghmula minn flusu, fl-interess tal-kumpanija konvenuta – cioe:

| | | |
|---|---|---|
| *Dok* $FZ_{14}$ | - spejjez (fol. 115) | Lm 462.48 |
| *Dok* $FZ_{15}$ | - spejjez (fol. 116) | Lm 297.06 |
| *Dok* $FZ_{16}$ | - hlasijiet/spejjez (fol. 117) | Lm 523.50 |
| *Dok* $FZ_{17}$ | - pagi (fol. 118) | Lm 617.00 |
| | | -------------- |
| | | Lm1900.04 |
| | | -------------- |

Ikkunsidrat :

Illi l-perit legali ezamina l-kontenut ta’ dawn id-dokumenti u irrileva illi l-ammonti kollha indikati fihom jirrisalu ghal dati li jaqghu ftit tal-gimghat qabel ma’ saret l-iskrittura tas-26 ta’ Settembru 1991 id-*Dok A*. B’danakollu, l-perit legali hu tal-fehma li l-istess ammonti ma kienux komprizi fl-ammont globali accettat mill-partijiet fl-iskrittura imsemmija (*Dok A*).

Il-Perit Legali wasal ghal din il-konkluzzjoni fuq dak li hemm miktub fid-*Dokument B* liema dokument sar fl-istess jum tad-*Dokument A* quddiem in-Nutar Coppini, fejn l-ewwel paragrafu jghid hekk:

*“Illi l-flus kollha li hargu f’dawn l-ahhar tliet gimghat minn Francis Zammit, ghandhom jithallsu mill-kumpanija lil Francis Zammit.”*

Illi minn dan il-kliem, wiehed jikkonkludi li fl-istess jum li sar id-*Dok A* il-partijiet kienu ga jafu li l-ammont ta’ Lm10,000 minnhom miftiehem fuq l-istess dokument, ma kienx jinkludi dak kollu li kellu jiehu Francis Zammit mill-kumpanija.

(ii) Dak li hemm miktub fl-iskrittura *Dok* $FZ_{14}$ li saret fit-2 t’April 1992, cioe: *“somma ohra ta’ flus li ghad tigi stabbilita aktar ‘il quddiem”.*

Illi fil-fehema ta’ l-Perit Legali, dawn iz-zewg referenzi kienu jirrigwardaw l-ispejjez li l-attur aktar tard ikkwantifika fis-somma ta’ Lm1,900.04, li tohrog mill-addizzjoni ta’ l-ammonti li jinstabu fid-*Dok* $FZ_{14}$ sa $FZ_{17}$.

Illi minn dan l-ammont ta’ Lm1,900,04, il-konvenuti hallsu <u>akkont</u> Lm1,811 skond id-*Dok* $FZ_{12}$ u **<u>allura jibqa’ bilanc ta’ Lm89.04</u>**.

Illi meta dan l-ammont ta’ Lm89.04 jizdied mal-bilanc li l-attur fadallu jiehu mis-somma ta’ Lm10,000, cioe Lm2,925 (ara paragrafu 19) johrog total ta’ **<u>Lm3,014</u>**.

## (ii) L-Eccezzjonijiet tal-Konvenuti

Illi permezz ta' l-ewwel zewg eccezzjonijiet, il-konvenuti accettaw:

(a) il-kontenut ta' l-iskrittura *Dok A* tas-26 ta' Settembru 1991; u

(b) ir-responsabbiltà taghhom fir-rigward.

Illi kunsidrati flimkien, it-tielet, ir-raba u l-hames eccezzjonijiet jirrizultaw f'konflitt bejniethom. Infatti, fit-tielet eccezzjoni, il-konvenuti jsostnu illi s-socjeta Tal-Blat Company Limited, effettwat diversi pagamenti u l-attur irceva wkoll ammonti ohra li kienu dovuti lill-istess socjeta ghas-saldu tal-kreditu tieghu.

Illi izda, fiz-zewg eccezzjonijiet sussegwenti, cioe r-raba u l-hames, il-konvenuti jammettu illi l-attur fadallu jiehu bilanc ta' Lm1,114 bhala bilanc mis-somma ta' Lm10,000 (dikjarati dovuti bid-*Dok A*) u li s-socjeta Tal-Blat Co. Ltd. offriet lill-attur dan il-pagament diversi drabi, pero dan irrifjutah.

Illi fis-sitt u s-seba' eccezzjoni, il-konvenuti jsostnu illi bhala konsegwenza tar-rifjut da parti ta' l-attur li jircevi l-pagament lilu offrut, il-konvenuti la ghandhom ihallsu imghaxijiet u anqas spejjez tal-kawza.

Illi kif spjegat aktar 'il fuq, l-attur permezz tad-*Dok* $ATT_4$ ta rendikont tal-flus li rcieva minghand terzi, akkont tal-flus li kellu jiehu minghand il-kumpanija. Kien ghalhekk l-oneru tal-kumpanija illi tipprova (i) li l-attur ircieva xi hlasijiet ohra minghand terzi, li hu kellu jimputa ghall-kreditu originali li kellu kontra l-kumpanija, skond id-*Dok A*; u (ii) li l-attur naqas li jaghmel hekk.

Illi f'dan ir-rigward, il-konvenuti rriferew ghall-iskrittura *Dok A* li permezz taghha l-attur gie delegat biex jircievi akkont tal-kreditu tieghu zewg pagamenti minghand Francis Busuttil & Sons. Pero, fil-fehema ta' l-esponent, minkejja

li s-socjeta konvenuta ghamlet diversi tentattivi biex tistabbilixxi jekk dan il-hlas giex effettivament ricevut mill-attur ma rniexxilhiex taghmel din il-prova sodisfacentement. Ara l-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Frar 2003 (xhieda ta’ Franco Busuttil).

Illi aktar minn hekk, l-attur cahad li rceva xi pagament minghand is-socjeta imsemmija, u fis-seduti tas-17 t’April 1998 u tat-13 ta’ Gunju 2001, xehed illi meta ipprova jigbor l-ammont dovut minghand is-socjeta Francis Busuttil & Sons Ltd. :

(Seduta XVI fol. 140)

*"Ghandi nghid li meta spiccajt mill-kumpanija ha over floki Silvio Sammut u qal lil ta’ Bandallu li ma kellix aktar x’naqsam. Dan qaluli wiehed min ta’ Bandallu meta mort biex nigbor il-flus.*

*Naqbel li kelli nigbor il-bilanc jien izda meta mort biex naghmel dan infurmani li jien kont spiccajt skond kif kien qalilhom Silvio Sammut. Proceduri legali ma ghamiltx ghax Silvio Sammut baqa’ jahdmilhom u l-ammont dovut kiber."*

(Seduta Nru 6 – 13.06.2001 – mizmuma mill-esponent)

*"Wara li ffirmanja l-kuntratt ghand in-Nutar Marco Coppini, jiena mort ghand Frans Busuttil & Sons Ltd – Bandallu. Mort ghaliex il-kumpanija Tal-Blat Ltd. kienet talbitni biex immur u nigbor il-flus li Bandallu kellu jaghti lill-istess kumpanija. Ma nafx kemm kellha tiehu l-kumpanija dak iz-zmien. Ix-xoghol kien ghadu sejjer. Meta kellimt lil Bandallu, qalli "Lilek ma nafekx". Ix-xoghol kien qed jaghmlu Silvio Sammut – cioe dak li dahal minn floki fil-kumpanija "Tal-Blat Limited".*

Illi rigward flus ricevuti minghand Aquilina (ara *Dok FZ*$_{13}$), Francis Zammit xehed hekk (seduti tal-25 t’April 1994 u tat-13 ta’ Gunju 2001):

*"Bicca kienet privata ta' Aquilina li taghha hadt Lm 3000 kif ga spjegajt ghax kienet xoghol privat. Ta' Aquilina nifhem tal-Golden Harvest. Il-Perit Martin Farrugia mqabbad minn Aquilina kien hareg il-kont u ppresentah 'l Mario u John Sammut ghax dawn kienu hbieb ta' Aquilina u ghalhekk setghu jirrangaw il-prezzijiet. Il-flus dovuti minn Aquilina kelli nohodhom kollha jien u Mario Sammut kien prezenti meta mort nigbor ic-cekk ta' Lm3,000."*

*"Jiena ma nafx jekk il-Golden Harvest, cioe Aquilina, kellux jaghti biss Lm3,000 jew ghad fadallu jhallas xi bilanc. Il-kontijiet ma kienux ghandi, dejjem baqghu l-ufficcju. Jien m'ghamiltx ebda procedura kontra l-Golden Harvest u Aquilina ghax Mario Sammut dejjem qalli dawk nigborhom jien."*

Illi l-ammont imsemmi – Lm3,000 – hu rifless fid-*Dokument* $FZ_{13}$ taht l-item "Golden Harvest" – Item 6. Is-socjeta konvenuta ma ressqet ebda prova li turi li hi verament offriet lill-attur is-somma ta' Lm1,114, li fil-fehema taghha kienet tirraprezenta l-bilanc lilu dovut, u fl-ahhar mill-ahhar anqas ma ghaddiet ghall-eventwali depositu ta' l-istess somma fir-Registru tal-Qorti, wara l-allegat rifjut da parti ta' l-attur.

Illi b'hekk, fl-umili fehema ta' l-esponent, is-socjeta konvenuta u l-konvenuti l-ohra ma rnexxielhomx jippruvaw sodisfacentement il-kontestazzjonijiet taghhom, kif formulati fl-eccezzjonijiet numerati tlieta sa sebgha, mentri l-ewwel zewg eccezzjonijiet huma in realta accettazzjoni ta' fatti li rrizultaw ampjament fil-process.

Illi ghaldaqstant l-esponent jikkonkludi illi, tenut kont tal-provi prodotti, jirrizulta illi (i) il-konvenuti naqsu li jissostanzjaw l-eccezzjonijiet taghhom, mentri li (ii) l-attur irnexxielu jipprova l-pretensjoni tieghu sodisfacentement, cioe sal-grad li timponi l-ligi f'materji civili, b'dana li d-domanda tieghu ghall-hlas ghandha tigi akkolta ghall-ammont ta' **Lm3,014.04**."

Illi l-Qorti peress illi taqbel mal-kostatazzjonijiet kollha li ghalihom wasal il-Perit Legali minnha innominat qeghda

tadotta l-imsemmija relazzjoni tieghu u taghmilha bhala taghha.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa t-talba attrici izda limitatament ghall-ammont ta’ tlett elef u erbghatax il-lira Maltin u erba’ centezmi (LM3,014.04), li jammontaw ghal seba telef u ghoxrin euro u tnejn u tmenin centezmu (€7,020.82) u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom ihallsu lill-attur din is-somma ta’ seba telef u ghoxrin euro u tnejn u tmenin centezmu (€7,020.82); bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------